**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 28 ta' Jannar 2020

Rikors Numru: 471/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-5 ta' Lulju 2014 skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A";

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dr. Patricia Hall datat 27 ta' Marzu 2015 li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "B";

4. Illi għaddew ‘l fuq minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni de facto tal-partijiet hekk kif jirriżulta mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess partijiet;

5. Illi l-avukat tal-esponenti ddiskutiet il-possibilita’ ta’ rikonċiljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin;

6. Illi madanakollu m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

7. Illi ma hemm ebda pendenza ta’ manteniment bejn ir-rikorrent u l-intimata;

8. Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għal-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara li żwieġ tagħha bejn il-partijeit hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-liġi.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien prefiss mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal -intimat li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

Illi l-esponenti ġie notifikat bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;

Illi l-esponenti jirrileva li ma għandu l-ebda oġġezzjoni ghal dina t-talba;

Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistgħux jigu varjata hekk kif indikat fil-kuntratt ta’ separazzjoni ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Hall datat sebgħa u għoxrin (27) ta’ Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015)

Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi m'hemmx arretrati ta' manteniment;

Illi l-esponenti jitlob lil dina l-Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimat illi ġiet ikkonfermata bil-ġurament tieghu;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-27 ta' Marzu, 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.